IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 24.10.2011
KUMM(2011) 671 finali

2011/0291 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness II ta' ma' dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-1 ta' Ġunju 2002, daħal fis-seħħ il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni. L-Anness II ta' dan il-Ftehim jipprovdi għall-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.

Skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt UE-Svizzera dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni jista' jadotta emendi għall-Anness II tal-Ftehim. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni rigward il-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera, jistipula li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni fir-rigward ta' dawk id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti u korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE u sabiex jiġu evitati diffikultajiet amministrattivi u possibilment legali, l-Anness II tal-Ftehim għandu jirreferi għal-leġiżlazzjoni kollha tal-UE, sa fejn din tkun rilevanti, u għad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Anness II tal-Ftehim jiġi aġġornat, sabiex b'mod partikolari jinkludi s-sistema modernizzata għall-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali li saret applikabbli fl-UE fl-1 ta' Mejju 2010, jiġifieri r-Regolament Nru 883/2004 kif emendat permezz tar-Regolament Nru 988/2009, ir-Regolament dwar l-implimentazzjoni tagħha Nru 987/2009 u d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva. Ir-Regolamenti Nru 883/2004, Nru 988/2009 u Nru 987/2009 jiddikjaraw li huma relevanti għall-Isvizzera.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim fit-28 ta' Ġunju 2010. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet emendata sussegwentement bil-għan li din tkun tirreferi għall-Artikolu 48 tat-TFUE (il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, bħala bażi legali.

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2010. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 79 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni favur li l-Artikolu 48 tat-TFUE jitqies bħala l-bażi legali korretta. Il-Kummissjoni fakkret li, b'mod partikolari l-Artikolu 48 tat-TFUE jippermetti li, fil-qasam tas-sigurtà soċjali, l-acquis tal-UE jiġi estiż għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u li l-objettivi u d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni għandhom l-għan li jestendu l-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, għaċ-ċittadini Svizzeri fl-UE.

L-Artikolu 79 tat-TFUE jidħol taħt it-Titolu V (l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) u jimplika l-applikabbiltà tal-Protokolli Nru 21 u Nru 22. Konsegwentament, id-Deċiżjoni tal-Kunsill ma kinitx torbot lir-Renju Unit, lill-Irlanda u lid-Danimarka.

Sussegwentement, l-Irlanda u d-Danimarka allinjaw ruħhom mal-pożizzjoni tal-Unjoni, iżda dan ma sarx min-naħa tar-Renju Unit. Ir-rappreżentant tal-UE fil-Kumitat Konġunt ippropona lill-Isvizzera biex tadotta l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt abbażi tal-pożizzjoni

meħuda mill-Kunsill, f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha, inklużi l-Irlanda u d-Danimarka (li kienu allinjaw ruħhom mal-pożizzjoni tal-Unjoni), minbarra r-Renju Unit. Ir-Renju Unit ippreżenta l-pożizzjoni speċifika tiegħu għal rasu. Ir-Renju Unit ippropona, b'mod iktar konkret, li r-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ma jkunux japplikaw għal dawk il-persuni li mhumiex attivi ekonomikament u li ilhom koperti mir-regoli dwar il-koordinazzjoni tal-UE sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 883/2004, fil-kuntest tar-rabtiet li hemm bejn l-Isvizzera u r-Renju Unit.

Permezz tal-ittra ddatata t-2 ta' Settembru 2011, l-Isvizzera informat lir-rappreżentant tal-UE fil-Kumitat Konġunt li ma setgħetx taċċetta d-deċiżjoni proposta tal-Kumitat Konġunt u l-proposta tar-Renju Unit bħala tali. L-ewwel nett, l-Isvizzera jiddispjaċiha li l-UE ma approvatx it-test li kien diġà ġie aċċettat mill-Gvern Svizzeru f'Marzu 2011. Dan it-test jikkorrespondi mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. It-tieni nett, l-Isvizzera indikat li hija setgħet taċċetta riżerva bħal din għar-Renju Unit biss f'każ li jiġu introdotti derogi oħra fir-rigward ta' persuni mhux attivi, li jkunu applikabbli għall-Istati Membri tal-UE kollha.

Ir-rifjut tal-Isvizzera jimplika li hemm bżonn ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-UE fil-Kumitat Konġunt għar-reviżjoni tal-Anness II. Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida hija bbażata fuq l-Artikolu 48 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, minħabba li l-Kummissjoni baqgħet konvinta li din hija l-bażi legali korretta. Barra minn hekk, din il-proposta tikkunsidra t-test użat fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li ġie approvat mill-Gvern Svizzeru f'Marzu 2011, li huwa wkoll l-aktar li jista' jiggarantixxi l-aħjar twettiq tal-objettiv ta' applikazzjoni omoġenja u koerenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fil-qafas tar-rabtiet li hemm bejn l-UE u l-Isvizzera.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-verżjoni aġġornata tal-Anness II tal-proposta mehmuża tirriżulta mid-diskussjonijiet tekniċi li involvew esperti dwar is-sigurtà soċjali, b'mod partikolari mill-amministrazzjoni Svizzera tas-sigurtà soċjali u mill-Unjoni Ewropea. Ir-riżultat ġie sottomess għal informazzjoni fit-318-il laqgħa tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali fis-16 ta' Diċembru 2009, fejn id-delegazzjonijiet laqgħu din il-proposta. L-aġġornament tal-Anness II tal-Ftehim se jissimplifika u jimmodernizza l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali bejn l-Isvizzera u l-Istati Membri tal-UE billi jintroduċi b'mod partikolari r-Regolament il-ġdid Nru 883/2004 kif emendat permezz tar-Regolament Nru 988/2009 u r-Regolament Nru 987/2009. Dan se jkollu impatt pożittiv meta mqabbel mal-leġiżlazzjoni eżistenti u se jtejjeb il-proċeduri amministrattivi għall-utenti kollha tar-Regolamenti, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali, l-impjegaturi (b'mod partikolari n-negozji żgħar u ta' daqs medju) u ċ-ċittadini individwali.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

SEZZJONI A: ATTI MSEMMIJA

Fir-rigward tar-**Regolament Nru 883/2004,** ir-raġunijiet għall-entrati fl-Annessi li jirrigwardaw l-Isvizzera huma skont dan li ġej:

– Fir-rigward tal-**Anness I(I) tar-Regolament Nru 883/2004** ('Għoti ta' pagamenti ta' manteniment'), l-Isvizzera tinqeda mill-opportunità li teżenta l-għoti ta' pagamenti ta' manteniment mill-applikazzjoni ta' R 883/04 billi tagħmel entrata speċjali.

– Fir-rigward tal-**Anness I(II) tar-Regolament Nru 883/2004** ('Allowances speċjali li jingħataw f'każ ta' twelid ta' tarbija ġdida u f'każ ta' adozzjoni'), m'hemm l-ebda bidla fis-sustanza u din l-entrata tikkorrispondi mal-entrata preżenti fl-Anness II, Sezzjoni II, tar-Regolament 1408/71.

– Fir-rigward tal-**Anness II tar-Regolament Nru 883/2004** ('dispożizzjonijiet ta' konvenzjonijiet li jibqgħu fis-seħħ…'):

Dawk l-entrati li jikkorrispondu mal-Anness III, parti A u parti B tar-Regolament 1408/71 u li jirrigwardaw il-ħlas ta' benefiċċji fi flus lil persuni residenti f'pajjiż terz m'għadhomx elenkati f'dan l-Anness. Iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż terz jistgħu jibbażaw fuq l-Artikolu 4 tar-Regolament 883/2004 peress li din il-klawżola ta' trattament ugwali m'għadhiex tirreferi għal "residenza fl-UE" (li tikkorrispondi mal-Artikolu 3(1) kif emendat permezz tar-Regolament 647/2005).

L-Isvizzera se jkollha tesporta l-pensjonijiet abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 883/2004 (trattament ugwali), peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha tiggarantixxi l-ħlas ta' pensjonijiet Svizzeri lil ċittadini Svizzeri madwar id-dinja.

Ser ikun hemm titjib fid-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE li attwalment mhumiex koperti minn ftehim bilaterali, bħaċ-ċittadini tal-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, peress li l-Isvizzera issa ser ikollha tesporta l-pensjonijiet liċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha tal-UE f'pajjiżi terzi bħalma l-Isvizzera tagħmel għal ċittadini Svizzeri.

Fir-rigward tal-entrata li tirrigwarda **l-Ġermanja u l-Isvizzera**, hemm żewġ konvenzjonijiet li huma diġà elenkati fl-Anness III attwali tar-Regolament Nru 1408/71:

Il-konvenzjoni taħt il-punt a) toffri l-għażla lil residenti mhux attivi tal-Büsingen li mhumiex assigurati mod ieħor fil-Ġermanja, li jissieħbu mal-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa Svizzera (punt i) u tiffaċilita l-aċċess għall-iskema tal-assigurazzjoni għall-mard Ġermaniża għall-ħaddiema li jirritornaw lejn il-Ġermanja (punt ii).

Il-konvenzjoni taħt il-punt b) tirrigwarda l-assigurazzjoni għall-qgħad u tippermetti lill-ħaddiema fruntalieri mill-Büsingen biex jirċievu, taħt ċerti kundizzjonijiet, benefiċċji tal-qgħad daqs li kieku kienu residenti fl-Isvizzera. L-Artikolu 8(5) ta' din il-konvenzjoni jipprovdi li l-Ġermanja (distrett ta' Büsingen) għandha tikkontribwixxi somma ekwivalenti għall-kontribuzzjoni kantonali skont il-liġi Svizzera lejn l-ispiża ta' postijiet attwali fil-miżuri tal-promozzjoni tal-impjiegi għall-ħaddiema soġġetti għal din id-dispożizzjoni. Fir-rigward tal-entrata li tirrigwarda lil **Spanja** u lill-**Isvizzera**, din tikkorrispondi mal-entrata attwali fl-Anness III tar-Regolament Nru 1408/71. L-entrata tirreferi għall-'Convenio especial' Spanjol, jiġifieri ħaddiema barranin li jmorru lura lejn Spanja jistgħu jissieħbu mal-iskema tal-mard Spanjola u b'hekk m'għadhomx obbligati li jkunu assigurati bħala pensjonanti taħt l-assigurazzjoni tal-mard Svizzera.

Fir-rigward tal-entrata li tikkonċerna lill-**Italja** u lill-**Isvizzera**, din tirrigwarda l-aggregazzjoni ta' perjodi kkompletati f'pajjiżi terzi, u tippermetti li jiġu kkunsidrati perjodi

tal-assigurazzjoni ta’ ċittadini Svizzeri jew Taljani f’pajjiżi terzi sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-intitolament għall-pensjonijiet Taljani (dispożizzjoni unilaterali). Din l-entrata hija neċessarja peress li l-Isvizzera mhijiex f’pożizzjoni li tapplika r-rakkomandazzjoni P1 dwar is-sentenza Gottardo peress li hija bbażata direttament fuq it-TFUE (li qabel kien it-Trattat tal-KE).

– Fir-rigward tal-**Anness III tar-Regolament Nru 883/2004** ('restrizzjoni ta' drittijiet għal benefiċċji mogħtija in natura għall-membri tal-familja ta' ħaddiem tal-fruntiera'), m'hemm l-ebda entrata li tirrigwarda lill-Isvizzera.

– Fir-rigward tal-**Anness IV tar-Regolament Nru 883/2004** ('aktar drittijiet għall-pensjonanti li jmorru lura lejn l-Istat Membru kompetenti'), l-Isvizzera hija miżjuda ma’ din il-lista.

– Fir-rigward tal-**Annessi V, VI u VII tar-Regolament Nru 883/2004**, m'hemm l-ebda entrata li tirrigwarda lill-Isvizzera.

– Fir-rigward tal-**Anness VIII, parti 1 tar-Regolament Nru 883/2004** ('każijiet fejn il-kalkolu pro rata jiġi rrinunzjat skont l-Art. 52(4)'), l-Isvizzera hija elenkata fir-rigward tal-iskema tagħha diġà msemmija fl-Anness IV C tar-Regolament 1408/71, jiġifieri l-kalkolu tal-pensjonijiet taħt il-liġi Svizzera skont l-Art. 52 (1)(a) jirriżulta f’benefiċċju daqs jew ogħla mill-benefiċċju pro rata kkalkulat skont l-Art. 52 (1)(b).

– Fir-rigward tal-**Anness VIII, parti 2 tar-Regolament Nru 883/2004** ('każijiet fejn japplika l-Art. 52 (5)'), huma elenkati l-pensjonijiet Svizzeri għall-anzjanità, is-superstiti u l-invalidità skont il-pjanijiet statutorji ta’ benefiċċji tax-xogħol. Din l-iskema hija attwalment elenkata fl-Anness IV C tar-Regolament 1408/71. Din l-iskema hija elenkata fil-parti 2 tal-Anness VIII tar-Regolament 883/2004 peress li l-pensjonijiet tagħha huma kkalkulati minn tfaddil individwali akkumulat u kapitalizzat, jiġifieri l-perjodi ta’ żmien mhuma tal-ebda relevanza għall-kalkolu.

– Fir-rigward tal-**Anness IX, parti II tar-Regolament Nru 883/2004** ('benefiċċji msemmija fl-Artikolu 54(2)(b) ta' dan ir-Regolament, li l-ammont tagħhom ikun determinat permezz ta' referenza għal perjodu ikkreditat li jitqies bħala tterminat bejn il-jum li fih irriżulta r-riskju u data aktar tard'), hemm entrata li tikkonċerna l-pensjonijiet Svizzeri għas-Superstiti u għall-Invalidità skont il-pjanijiet statutorji ta’ benefiċċji tax-xogħol. Din l-entrata tikkorrispondi mal-entrata attwali fl-Anness IV.D, parti 2 tar-Regolament Nru 1408/71.

– Fir-rigward tal-**Anness X tar-Regolament Nru 883/2004** ('benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji mogħtija fi flus'), l-**entrati Nru 1, 2 u 3** jikkorrispondu mal-entrati attwali tal-Anness IIa. Madankollu, meta jitqies li dawn l-entrati ġew inseriti qabel ma ġew introdotti l-kriterji aktar stretti skont l-Anness IIa tar-Regolament Nru 1408/71 bir-Regolament Nru 647/2005 (li jikkorrispondu mal-kriterji tal-Anness X tar-Regolament Nru 883/2004), iż-żamma tal-iskrizzjonijiet fl-Anness X teħtieġ li dawk l-entrati jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti skont l-Anness X. F'dan ir-rigward, dawn l-entrati jistgħu jiġu ġġustifikati kif ġej:

Fir-rigward tal-**entrata Nru 1** li tirrigwarda benefiċċji supplimentari (l-Att dwar il-Benefiċċji Federali Supplimentari tad-19 ta' Marzu 1965) u benefiċċji simili pprovduti skont il-leġiżlazzjoni kantonali:

Fid-dawl tar-Regolament Nru 883/2004, id-delegazzjoni Svizzera talbet li fil-lista tal-benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji mogħtija fi flus, jinżammu l-benefiċċji supplimentari kif elenkati fl-Anness IIa attwali tar-Regolament 1408/71 waqt li tat din il-ġustifikazzjoni:

1. Deskrizzjoni tal-benefiċċju

Rigward il-benefiċċji Federali, dawn il-benefiċċji jingħataw meta l-pensjoni tal-anzjani, tal-invalidità jew tas-superstiti ma tkoprix il-bżonnijiet bażiċi. Il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċji huma skont kif ġej. L-applikant għandu:

– jaqla' inqas mid-dħul minimu stabbilit biex ikopri l-bżonnijiet bażiċi (akkomodazzjoni, assigurazzjoni tas-saħħa, ikel);

– ikun intitolat għal pensjoni tal-anzjani, tal-invalidità jew tas-superstiti;

– ikun domiċiljat u residenti fl-Isvizzera.

Il-benefiċċji jammontaw għad-differenza bejn id-dħul minimu stipulat u d-dħul reali tal-persuna (pensjonijiet, dħul tas-sieħeb/sieħba, assi). Il-benefiċċji huma ffinanzjati esklużivament mit-taxxi ġenerali tal-Konfederazzjoni u mill-cantons.

L-ammonti attwali stipulati għad-dħul minimu:

– persuna mhux miżżewġa: CHF 18.720/sena

– koppja: CHF 28.080/sena

Fir-rigward tal-benefiċċji kantonali, il-cantons jistgħu jagħtu benefiċċji supplimentari addizzjonali simili għall-pensjoni tal-anzjani, tal-invalidità jew tas-superstiti li jikkumplimentaw il-benefiċċji supplimentari federali.

Preżentament tmien cantons għandhom tali sistema parallela ta' benefiċċji supplimentari għall-pensjoni tal-anzjani, tal-invalidità jew tas-superstiti. Bħala regola, jeħtieġ li l-persuna tirċievi benefiċċji federali u supplimentari biex tkun intitolata għall-benefiċċji kantonali.

2. Kwalifikazzjoni bħala benefiċċju speċjali li mhuwiex kontributorju

Il-benefiċċji supplimentari federali u kantonali jissodisfaw il-kriterji neċessarji kollha li għandhom jiġu kkunsidrati bħala benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji skont l-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 883/2004, waqt li titqies il-ġurisprudenza relevanti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar il-benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji:

(a) Dawn huma benefiċċji speċjali (tat-tip imħallat): Min-naħa l-waħda, għandhom karatteristiċi ta' sigurtà soċjali peress li l-persuni kkonċernati għandhom intitolament legali ddefinit b'mod ċar għalihom. Dawn huma intiżi biex jissupplimentaw il-pensjonijiet sabiex jiggarantixxu dħul ta' livell ta' għajxien minimu u għalhekk huma marbuta mal-pensjonijiet bażiċi u r-riskji tal-anzjanità jew tal-invalidità. Min-naħa l-oħra, għandhom il-karatteristiċi ta' assistenza soċjali peress li jingħataw biss lill-pensjonanti li d-dħul totali tagħhom ma jilħaqx il-minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni. Dan huwa marbut mill-qrib mas-sitwazzjoni soċjoekonomika fl-Isvizzera peress li

jikkorrispondi mal-bżonnijiet bażiċi minimi fl-Isvizzera. Ma jiddependux fuq perjodi ta' xogħol jew fuq kontribuzzjonijiet;

(b) Mhumiex kontributorji: huma ffinanzjati esklużivament mit-taxxi u ma jiddependu fuq l-ebda kontribuzzjoni.

Fir-rigward tal-**entrata Nru 2** li tirrigwarda l-pensjonijiet f'każ ta' tbatija taħt l-assigurazzjoni tal-invalidità (Artikolu 28, subparagrafu 1a tal-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959, kif emendat fis-7 ta' Ottubru 1994), id-delegazzjoni Svizzera talbet li din l-entrata tinżamm kif elenkata fl-Anness IIa attwali tar-Regolament Nru 1408/7 għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-benefiċċju

Il-pensjoni għat-tbatija tneħħiet sa mill-1 ta' Jannar 2004. Din ġiet sostitwita minn benefiċċji supplimentari iżda xorta tingħata f'ċerti każijiet fuq il-bażi ta' regoli tranżitorji (preżentament madwar 500 benefiċjarju) u għalhekk trid tiġi elenkata fl-Anness X tar-Regolament Nru 883/04.

Il-pensjoni għat-tbatija hija ammont supplimentari mogħti lil persuni intitolati għal kwart ta' pensjoni tal-invalidità (grad ta' invalidità ta' bejn 40% u 49%), li l-qagħda personali tagħhom tkun diffiċli u ma tkunx tippermetti dħul deċenti għal livell ta' għajxien minimu ('każijiet ta' tbatija'). Is-suppliment għat-tbatija jikkorrispondi ma' kwart tal-pensjoni. Bħala riżultat ta' dan, il-benefiċjarju jirċievi l-ekwivalenti ta' nofs pensjoni. Il-pensjoni għat-tbatija tingħata biss fl-Isvizzera.

Il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċji huma skont kif ġej. L-applikanti għandhom:

- ikunu intitolati għal pensjoni tal-invalidità;
- ikollhom nuqqas ta' mezzi suffiċjenti;
- ikunu domiċiljati u residenti fl-Isvizzera.

2. Kwalifikazzjoni bħala benefiċċju speċjali li mhuwiex kontributorju

Il-pensjoni tal-invalidità f'każ ta' tbatija tissodisfa l-kriterji kollha meħtieġa biex tiġi kkunsidrata bħala benefiċċju speċjali li mhuwiex kontributorju skont l-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 883/2004, meta titqies il-ġurisprudenza relevanti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar il-benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji, b'referenza għas-sentenza tal-ECJ tad-29 ta' April 2004 fil-kawża C-160/02, Skalka:

(a) Huwa benefiċċju speċjali (tat-tip imħallat): Min-naħa l-waħda, għandu karatteristiċi ta' sigurtà soċjali peress li l-persuni kkonċernati għandhom intitolament legali ddefinit b'mod ċar għalih. L-iskop tiegħu huwa li jissupplimenta l-pensjonijiet ordinarji sabiex jiggarantixxi dħul għal livell ta' għajxien minimu. Huwa marbut mal-pensjonijiet bażiċi tal-invalidità u r-riskju tal-invalidità. Min-naħa l-oħra, għandu l-karatteristiċi ta' assistenza soċjali peress li jingħata biss lill-pensjonanti f'qagħda ekonomika diffiċli. Huwa marbut mill-qrib mas-sitwazzjoni soċjoekonomika fl-Isvizzera peress li l-ammont tiegħu huwa bbażat fuq il-pensjoni ordinarja. Ma jiddependux fuq perjodi ta' xogħol jew kontribuzzjonijiet;

(b) Il-benefiċċju huwa ta' natura mhux kontributorja,peress li huwa ffinanzjat mit-taxxi u ma jiddependix fuq kontribuzzjonijiet.

Fir-rigward tal-**entrata Nru 3** li tirrigwarda benefiċċji mħallta mhux kontributorji f'każ ta' qgħad, kif stipulat fil-leġiżlazzjoni kantonali, minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

1. Deskrizzjoni tal-benefiċċju

Tmien cantons introduċew dawn l-allowances: Basel-Stadt, Ġinevra, Jura, Neuchâtel, Schaffhausen, Tessin, Uri, u Zug. Dawn il-benefiċċji jingħataw lill-persuni li jkunu qed ifittxu xogħol li d-drittijiet tagħhom għal benefiċċji federali tal-qgħad ikunu waqfu, sabiex ikunu jistgħu jiġu integrati mill-ġdid fix-xogħol u jevitaw l-assistenza soċjali u l-esklużjoni soċjali.

Il-kundizzjonijiet għall-intitolament huma li l-applikanti jridu:

- jaqilgħu inqas mid-dħul minimu stabbilit mill-canton;
- ma jkollhom l-ebda intitolament ulterjuri għal benefiċċji federali tal-qgħad;
- ifittxu xogħol u jagħmlu lilhom infushom disponibbli għax-xogħol;
- ikunu domiċiljati u residenti fil-canton.

Il-tipi tal-benefiċċji huma: allowances ta' kuljum u/jew indennizzi għal diversi miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid (korsijiet ta' taħriġ, eċċ.).

Huma ffinanzjati esklużivament mit-taxxi.

2. Kwalifikazzjoni bħala benefiċċju speċjali li mhuwiex kontributorju

Dawn il-forom ta' appoġġ kantonali għal dawk li jfittxu xogħol jissodisfaw il-kriterji kollha meħtieġa sabiex jiġi kkwalifikati bħala benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji skont l-Artikolu 70(2) tar-Regolament 883/2004, meta titqies il-ġurisprudenza relevanti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar il-benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji:

(a) Dawn huma benefiċċji speċjali (tat-tip imħallat): Min-naħa l-waħda, għandhom karatteristiċi ta' sigurtà soċjali peress li l-persuni kkonċernati għandhom intitolament legali ddefinit b'mod ċar għalihom. Dawn huma intiżi biex jikkumplimentaw il-benefiċċji federali tal-qgħad sabiex jiggarantixxu dħul minimu u huma marbuta b'mod ċar mar-riskju tal-qgħad. Min-naħa l-oħra, għandhom karatteristiċi ta' assistenza soċjali peress li jingħataw biss lil dawk li jkunu qed ifittxu xogħol li d-dħul totali tagħhom ma jilħaqx il-minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni. Huma marbuta mill-qrib mas-sitwazzjoni soċjoekonomika fl-Isvizzera peress li jirreferu għad-dħul minimu fil-canton ta' residenza u huma relatati mas-suq tax-xogħol lokali. Ma jiddependux fuq perjodi ta' kontribuzzjonijiet;

(b) Mhumiex kontributorji: huma ffinanzjati esklużivament mit-taxxi u ma jiddependu fuq l-ebda kontribuzzjoni.

Fir-rigward tal-**entrata Nru 4** li tirrigwarda l-pensjonijiet straordinarji tal-invalidità li mhumiex kontributorji għaż-żgħażagħ b'diżabilità (Art. 39 tal-Att Federali dwar l-

Assigurazzjoni għall-Invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959), l-Isvizzera ġġustifikat l-entrata skont dan li ġej:

Fid-dawl tar-Regolament Nru 883/2004, li ser japplika wkoll għal persuni mhux attivi, id-delegazzjoni Svizzera talbet l-inklużjoni ta' pensjonijiet straordinarji għal persuni b'diżabilità mhux attivi fil-lista ta' benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji u li jingħataw fi flus minħabba din il-ġustifikazzjoni:

1. Deskrizzjoni tal-benefiċċju

Sabiex ikunu intitolati għal pensjoni regolari Svizzera tal-invalidità, il-persuni assigurati jridu jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet matul tal-inqas tliet snin fiż-żmien tal-inkapaċità tagħhom għax-xogħol (invalidità). Il-persuni b'diżabilità sa mit-twelid jew mit-tfulija ma jistgħux jissodisfaw din il-kundizzjoni peress li jkunu inkapaċi jaħdmu qabel ma jilħqu l-età minn meta jiġu imposti l-kontribuzzjonijiet.

Dawn il-persuni huma intitolati għal benefiċċju speċjali li jikkorrispondi għall-ammont tal-pensjoni minima regolari tal-invalidità. Il-benefiċċju jingħata lil persuni 'l fuq mill-età ta' 18-il sena u sakemm ikomplu jgħixu fl-Isvizzera.

Peress li l-benefiċċju mhuwiex ikkalkulat fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet, jissejjaħ il-'pensjoni straordinarja tal-invalidità'.

2. Kwalifikazzjoni bħala benefiċċju speċjali li mhuwiex kontributorju

Il-pensjoni straordinarja tal-invalidità tissodisfa l-kriterji kollha meħtieġa sabiex titqies bħala benefiċċju speċjali li mhuwiex kontributorju skont l-Artikolu 4(2a) tar-Regolament Nru 1408/71, waqt li titqies il-ġurisprudenza relevanti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar il-benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji u li jingħataw fi flus:

(a) Huwa benefiċċju ibridu (tat-tip imħallat): Minn naħa waħda, għandu l-karatteristiċi ta' sigurtà soċjali peress li l-persuni kkonċernati għandhom intitolament legali għalih li huwa ddefinit b'mod ċar u jkopri r-riskju tal-invalidità. Min-naħa l-oħra, huwa qrib tal-assistenza soċjali fis-sens li ma jiddependix fuq perjodi ta' xogħol jew kontribuzzjonijiet u huwa intiż biex itaffi l-bżonn billi jiggarantixxi dħul għal livell ta' għajxien minimu lil grupp soċjalment żvantaġġat (żgħażagħ b'diżabilità);

(b) Huwa benefiċċju speċjali: Huwa benefiċċju ta' sostituzzjoni intiż għal dawk li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-assigurazzjoni sabiex tinkiseb pensjoni regolari tal-invalidità. Huwa marbut mill-qrib mas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika fl-Isvizzera peress li jikkorrispondi mal-pensjoni minima fl-Isvizzera;

(c) Mhuwiex kontributorju: Mhuwiex iffinanzjat b'kontribuzzjonijiet. Il-Gvern Federali jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha ta' dan il-benefiċċju.

Fil-kawża C-154/05 Kersbergen-Lap u Dams-Schipper, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠE) ikkunsidrat il-benefiċċju Olandiż Wajong bħala benefiċċju speċjali li mhuwiex kontributorju. Il-QĠE kkonfermat din is-sentenza fil-kawża C-287/05 Hendrix. Bħall-pensjoni tal-invalidità straordinarja Svizzera, il-Wajong Olandiża tipprovdi għall-ħlas ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ li jkunu qed isofru minn inkapaċità għax-xogħol fuq medda ta' żmien twil iżda ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jiksbu pensjoni tal-invalidità regolari.

Sabiex ma tinħoloqx sitwazzjoni inqas favorevoli meta mqabbla mal-istatus quo, l-entrata proposta mill-Isvizzera għandha tkun limitata għal persuni li ma kinux soġġetti, qabel l-inkapaċità tagħhom għax-xogħol, għal-leġiżlazzjoni Svizzera abbażi ta' attività bħala persuna qiegħda (eż. bħala apprendist) jew li taħdem għal rasha.

– Fir-rigward tal-**Anness XI tar-Regolament Nru 883/2004 ('dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri'**):

  – Fir-rigward tal-**entrati Nru 1 u 2**, l-Isvizzera ġġustifikat il-proposti tagħha skont kif ġej:

L-Isvizzera tipproponi li żżomm iż-żewġ daħliet fl-Anness VI tar-Regolament 1408/71 dwar id-dħul fl-assigurazzjoni Svizzera tal-pensjoni volontarja (punt 1) u l-assigurazzjoni ta' għażla kontinwata (punt 2) għal persuni li jgħixu barra mill-ambitu territorjali tal-Ftehim Svizzeru-UE dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni. Dawn id-daħliet għandhom jiġu inseriti fl-Anness XI tar-Regolament 883/2004. Raġuni għal dawn id-daħliet:

Dwar l-**entrata Nru 1** (Assigurazzjoni volontarja):

Iċ-ċittadini tal-Isvizzera u tal-Istati Membri tal-UE jistgħu japplikaw, jekk jagħżlu dan, għal sħubija fl-iskemi Svizzeri tal-assigurazzjoni tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invaliditá.

Peress li l-assigurazzjoni volontarja hija parzjalment iffinanzjata minn dħul tal-Istat Svizzeru, huma biss dawk il-persuni li jkollhom rabta mill-qrib mal-Isvizzera li jitħallew isiru membri ta' din l-iskema ta' assigurazzjoni. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun ilhom assigurati għal ħames snin mal-assigurazzjoni Svizzera tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invaliditá qabel ma jitolbu għal sħubija. Dan ir-rekwiżit japplika ugwalment għal ċittadini Svizzeri u tal-UE li jgħixu barra mill-ambitu territorjali tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni.

Dwar l-**entrata Nru 2** (Assigurazzjoni kontinwata meta wieħed jaħdem għal impjegatur Svizzeru barra mill-pajjiż):

Persuni li jaħdmu għal impjegatur Svizzeru barra mill-pajjiż jistgħu jkomplu jħallsu kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni taħt l-iskemi tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invaliditá. Madankollu, l-impjegatur, li jħallas nofs il-kontribuzzjonijiet, irid jaqbel mal-arranġament. Peress li l-assigurazzjoni kontinwata hija parzjalment iffinanzjata minn dħul tal-Istat Svizzeru, dawk il-persuni biss li jkollhom rabta mill-qrib mal-Isvizzera jitħallew isiru membri ta' din l-iskema tal-assigurazzjoni. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun ilhom assigurati għal ħames snin mal-assigurazzjoni Svizzera tal-anzjanità, tas-superstiti u tal-invaliditá qabel ma jitolbu għal sħubija. Dan ir-rekwiżit japplika ugwalment għal ċittadini Svizzeri u tal-UE li jgħixu barra mill-ambitu territorjali tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni.

Rigward l-**entrata Nru 3**, din tikkorrispondi mal-entrata Nru 3 eżistenti fl-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71. Dan id-dritt ta' għażla jagħti aktar drittijiet lill-ħaddiema immigranti u lill-membri tal-familja tagħhom. Dan id-dritt ġie mitlub minn ħaddiema immigranti peress li jistgħu jevitaw li jħallsu kontribuzzjonijiet ogħla għall-kura tas-saħħa fl-Isvizzera milli kieku jkollhom iħallsu fl-Istat Membru rispettiv tagħhom.

Fir-rigward tal-**entrata Nru 4**, l-Isvizzera tipproponi li żżomm din l-entrata, li tikkorrispondi mal-punt 3a tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71 fir-rigward ta' inċidenti mhux relatati max-xogħol. Din l-entrata għandha tiddaħħal fl-Anness XI tar-Regolament Nru 883/2004.

Persuni li jaħdmu fl-Isvizzera u li jgħixu fl-Awstrija, il-Ġermanja, Franza jew l-Italja huma awtorizzati li jagħżlu li jkunu assigurati kontra l-mard fl-Istat ta' residenza tagħhom aktar milli fl-Isvizzera (jagħżlu li ma jkunux inklużi; punt 3(b) tal-Anness VI, l-Isvizzera, tar-Regolament Nru 1408/71).

F'każijiet bħal dawn, tista' tinħoloq responsabbiltà simultanja fil-każ ta' inċidenti mhux relatati max-xogħol bejn l-istituzzjoni Svizzera tal-assigurazzjoni tal-inċidenti u l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni tal-mard tal-Istat ta' residenza. Fil-fatt, inċidenti mhux relatati max-xogħol huma ttrattati bħala inċidenti relatati max-xogħol u mard industrijali taħt il-leġiżlazzjoni Svizzera waqt li huma ttrattati bħala benefiċċji tal-mard in natura taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-UE kkonċernati.

Dispożizzjoni ċara dwar id-distribuzzjoni tal-ispejjeż hija meħtieġa.

Fir-rigward tal-**entrata Nru 5**, din tikkorrispondi mal-entrata Nru 3b eżistenti tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71. Din tirrigwarda s-sitwazzjoni meta persuna li taħdem fl-Isvizzera u li tgħix fi Stat Membru ieħor tkun għażlet assigurazzjoni fil-pajjiż ta' residenza. F'din is-sitwazzjoni, dik l-entrata tiżgura li l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 883/2004 japplika sabiex il-persuna kkonċernata tirċievi kura li tkun medikament neċessarja matul perjodu ta' residenza (mhux finanzjarjament kompetenti) fl-Isvizzera.

Sar titjib fil-formolazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-membri tal-familja jkunu koperti wkoll.

L-**entrati Nru 4 u 6 tal-Anness VI tar-Regolament 1408/71** m'għadhomx meħtieġa peress li dawk is-sitwazzjonijiet huma koperti mill-Artikoli 18 u 27(2) tar-Regolament Nru 883/2004.

Fir-rigward tal-**entrata Nru 6**, din tikkorrispondi mal-entrata preżenti Nru 5 tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71. Din tistipula skont l-Artikolu 62(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni l-ġdid Nru 987/2009 li l-istituzzjoni kompetenti għandha tirrimborsa lill-istituzzjoni li pprovdiet il-benefiċċji fl-Isvizzera l-ammont attwalment muri fil-kontijiet ta' dik l-istituzzjoni. Dan huwa wkoll applikabbli għall-benefiċċji pprovduti fl-Isvizzera lil persuni li għażlu li jkunu assigurati fil-pajjiż ta' residenza skont l-entrata Nru 3(a) tal-Anness XI.

Fir-rigward tal-**entrata Nru 7**, din tikkorrispondi mal-entrata preżenti Nru 7 tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Isvizzera tipproponi li jinżamm il-punt 7 tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71 dwar il-benefiċċji għall-mard fi flus.

Fl-Isvizzera, l-assigurazzjoni għall-benefiċċji kontra l-mard fi flus kontanti hija fakultattiva. Kull min huwa assigurat fl-Isvizzera għall-benefiċċji kontra l-mard mhux fi flus huwa intitolat li jissieħeb f'din l-iskema ta' assigurazzjoni addizzjonali.

Persuni assigurati huma liberi li jibdlu l-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħhom meta jridu. F'dan il-każ, l-assiguratur il-ġdid jitħalla jeskludi pagamenti għal riskji u mard li diġà kienu jeżistu qabel ma ssieħbet il-persuna.

Madankollu, jekk il-persuna kkonċernata kienet obbligata tibdel l-assiguratur minħabba li huwa jew hija bdew jaħdmu f'impjieg ġdid jew marru f'post fejn l-assiguratur preċedenti ma joperax, huwa jew hija għandhom jiġu aċċettati mill-assiguratur il-ġdid mingħajr ebda restrizzjoni oħra. F'każijiet bħal dawn, l-assiguratur preċedenti għandu joħroġ ċertifikat li juri li l-bidla tal-istituzzjoni kienet waħda involontarja. L-assiguratur il-ġdid huwa marbut b'dan id-dokument li huwa validu għal perjodu ta' tliet xhur. Sakemm l-assiguratur preċedenti ma

jkunx ta ċ-ċertifikat lill-persuna assigurata, huwa jibqa' responsabbli għal kwalunkwe benefiċċju fi flus kontanti li mhux kopert mill-assiguratur il-ġdid.

If a person was previously insured by an institution in an EU Member State, he or she cannot obtain a certificate proving that the conditions for admittance without reserve are met. In order to protect such persons, previous periods of health insurance in another Member State are taken into account and the exclusion of coverage for pre-existing diseases or risks does not apply. Bħal fil-każ fi ħdan l-Isvizzera, il-bidla tal-istituzzjoni għanda tiġi konkluża fi żmien tliet xhur.

Il-**Punt 8 tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71** mhux qiegħed jittieħed fl-Anness XI tar-Regolament Nru 883/2004. Fl-Isvizzera, il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-invalidità tiddependi jew fuq ir-residenza jew fuq l-attività bi qligħ fl-Isvizzera. Persuni li jgħixu barra mill-Isvizzera (eż. ħaddiema tal-fruntiera), li jwaqqfu l-attività bil-qligħ tagħhom minħabba mard jew inċident, mhumiex assigurati iktar u ma jistgħux iħallsu l-kontribuzzjonijiet. Jekk persuni bħal dawn ħadmu fl-Isvizzera għal inqas minn sena, huma mhumiex intitolati għal pensjoni tal-invalidità, minħabba li ma jissodisfawx il-perjodu minimu ta' kontribuzzjoni. Sal-aħħar tal-2007, il-perjodu minimu ta' kontribuzzjoni kien ta' sena waħda biss. Sabiex ħaddiema tal-fruntiera preċedenti jitħallew itemmu dan il-perjodu minimu ta' kontribuzzjoni, il-punt 8 tal-Anness VI jobbligahom iħallsu kontribuzzjonijiet lill-iskema tal-assigurazzjoni tal-pensjoni Svizzera għal sena mill-bidu tal-inkapaċità għax-xogħol, diment li mhumiex soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor fuq il-bażi ta' attività ġdida.

Fl-1 ta' Jannar 2008, il-perjodu minimu ta' kontribuzzjoni għall-pensjonijiet ta' invalidità Svizzeri żdied għal tliet snin. Issa din l-entrata hija superfluwa: Li żżomm persuna assigurata u li ġġiegħlha tħallas il-kontribuzzjonijiet ma għadhiex iġġustifikata minħabba li din is-sena supplimentari, f'ħafna każijiet, ma jkollha ebda impatt fuq l-intitolament u hija inkompatibbli mar-regoli ta' kompetenza stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament Nru 883/2004.

Fir-rigward tal-entrata Nru **8**, din l-entrata tikkorrispondi mal-entrata Nru 9 tal-Anness VI għar-Regolament Nru 1408/71 u r-raġunijiet għal din l-entrata huma kif ġej: Skont il-leġiżlazzjoni tal-assigurazzjoni kontra l-invalidità Svizzera, miżuri ta' riabilitazzjoni huma mogħtija biss diment li l-persuna kkonċernata tkun assigurata. Il-kopertura tal-assigurazzjoni tiddependi jew fuq residenza jew fuq attività bi qligħ fl-Isvizzera. Persuni li jgħixu barra mill-Isvizzera (eż. ħaddiema tal-fruntiera), li jwaqqfu l-attività bi qligħ tagħhom minħabba marda jew inċident, ma jkunux aktar assigurati. L-entrata fl-Anness XI tiggarantixxi li dawn il-persuni xorta waħda jkunu jistgħu jibqgħu jibbenefikaw minn miżuri ta' riabilitazzjoni, għalkemm l-Isvizzera waqfet milli tkun l-Istat kompetenti. Hija tikkonċerna l-aktar miżuri ta' taħriġ professjonali, maħsubin sabiex jintegraw lill-persuna lura għax-xogħol. It-tkomplija tal-assigurazzjoni sakemm idumu l-miżuri tista' tippermetti wkoll lill-persuna kkonċernata sabiex tilħaq il-perjodu minimu tal-assigurazzjoni għal pensjoni tal-invalidità, jekk ikun hemm bżonn.

L-entrata eżistenti ġiet emendata minħabba li s-sitwazzjonijiet li għalihom tapplika din id-dispożizzjoni jeħtieġu jiġu definiti b'mod iktar preċiż. Din għandha tkopri biss il-perjodu li jiġi immedjatament wara t-tmiem tal-impjieg fl-Isvizzera, u għaldaqstant ġie inserit il-kliem '*sal-ħlas tal-pensjoni tal-invalidità*', biex b'hekk il-pensjonanti ma jkunux intitolati għal dawn il-benefiċċji.

Rigward l-**applikazzjoni tar-Regolament Nru 987/2009**, l-entrati għall-Annessi li għandhom x'jaqsmu mal-Isvizzera huma ġġustifikati kif ġej:

– Fir-rigward tal-**Anness 1 tar-Regolament Nru 987/2009** (‘dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-ftehimiet bilaterali…’), huma elenkati ftehimiet bilaterali ma’ Franza u mal-Italja li jistabbilixxu proċeduri speċjali għar-rimborż ta’ benefiċċji ta’ kura tas-saħħa;

– Fir-rigward tal-**Annessi 3 u 5 tar-Regolament Nru 987/2009**, ma hemm l-ebda entrata fir-rigward tal-Isvizzera.

SEZZJONI B: ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM IQISU BIR-REQQA

Din is-sezzjoni fiha s-sett il-ġdid ta’ Deċiżjonijiet meħudin mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali.

SEZZJONI C: ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM

Din is-sezzjoni fiha s-sett ta’ Rakkomandazzjonijiet meħudin mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali.

PROTOKOLL

Rigward il-Protokoll għall-Anness II, dan jindirizza 3 kwistjonijiet:

L-ewwel nett, rigward l-**assigurazzjoni kontra l-qgħad** għal ħaddiema li għandhom permess ta' residenza Svizzeru għal perjodu ta’ inqas minn sena, dan il-punt ġie aġġornat fir-rigward ta’ ċittadini tal-UE-8 u tal-UE-2, li għalihom tibqa’ tapplika s-sistema attwali ta’ rimborżi. Din is-sistema ta’ rimborżi għandha tapplika fir-rigward ta’ ċittadini tal-UE-8 sat-30 ta' April 2011, ara l-punt 4 attwali tal-Protokoll għall-Anness II tal-Ftehim UE-Svizzera, u fir-rigward ta’ ċittadini tal-UE-2 sal-31 ta' Mejju 2016, ara l-punt 5 tal-Anness II tal-Protokoll għall-Ftehim tal-UE-Svizzera rigward il-parteċipazzjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

It-tieni nett, fir-rigward tal-**allowances Svizzeri għal persuni li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom** (l-Att Federali tad-19 ta' Ġunju 1959 dwar l-assigurazzjoni kontra l-invalidità (LAI) u l-Att Federali tal-20 ta' Diċembru 1946 dwar il-pensjonijiet tal-anzjani u tas-superstiti (LAVS) kif emendat fit-8 ta' Ottubru 1999), dawn il-benefiċċji ma jistgħux jiġu elenkati fl-Anness X tar-Regolament Nru 883/2004 minħabba li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet iktar stretti kif stabbiliti sa mir-Regolament Nru 647/2005. Madankollu, meta jitqies li bosta snin qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 647/2005 kien sar qbil li dan il-benefiċċju jiġi elenkat taħt l-Anness IIa għar-Regolament Nru 1408/71, filwaqt li jitqies li l-Issvizzera teħtieġ l-istatus quo fir-rigward ta’ dan il-benefiċċju b’referenza għan-natura statika tal-Ftehim, u meta jitqies li l-Isvizzera taċċetta, b’mod ġenerali, ir-rekwiżiti iktar stretti li għandhom x’jaqsmu mal-Anness X tar-Regolament Nru 883/2004, in-nuqqas ta’ esportazzjoni ta’ dan il-benefiċċju qiegħed jiġi indirizzat bħala punt separat fil-Protokoll għal dan il-Ftehim.

It-tielet nett, fir-rigward tal-entrata dwar il-**benefiċċji skont il-pjanijiet ta’ benefiċċju relatati max-Xogħol** rigward il-pensjonijiet tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità: dan ir-Regolament tranżitorju ntemm fil-31 ta' Mejju 2007, ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Madankollu, huwa possibbli li jkun hemm każijiet antiki koperti b’dan ir-Regolament (persuni li telqu mill-Isvizzera qabel il-31 ta' Mejju 2007 iżda li ma applikawx għall-benefiċċju), u li għal din ir-raġuni, din l-entrata nżammet.

F’dan il-kuntest, l-Artikolu 3(1) ġie addattat (‘ċittadini ta’ *ċerti* Stati Membri’) minħabba li l-arranġamenti tranżitorji li għandhom x’jaqsmu mal-assigurazzjoni kontra l-qgħad għal persuni li għandhom permess ta' residenza Svizzeru validu għal inqas minn sena japplikaw biss għal ċittadini ta’ Stati Membri tal-UE 8 u tal-UE 2; ara l-Protokolli tat-tkabbir: Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 għall-Ftehim (ĠU L 89, 28.3.2006, p. 30) u Protokoll tas-27 ta' Mejju 2008 (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 53).

L-Artikolu 3 (1) ukoll ġie addattat għall-għanijiet ta’ kompletezza billi ġiet introdotta referenza għall-Protokoll għall-punti diġà msemmija f’dan il-Protokoll dwar allowances Svizzeri għal persuni li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom u rigward benefiċċji skont pjanijiet ta’ benefiċċji relatati max-Xogħol.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-UE.

2011/0291 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness II ta' ma' dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 48, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni dwar il-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Artikolu 18 tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat Konġunt jista', b'deċiżjoni, jadotta emendi għall-Ftehim, interalia għall-Anness II tal-Ftehim, li jindirizza l-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali.

(3) Sabiex jippreżerva applikazzjoni koerenti u korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE u sabiex jevita diffikultajiet amministrattivi u possibbilment legali, l-Anness II għall-Ftehim jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jintegra l-atti legali l-ġodda tal-Unjoni li bħalissa l-Ftehim ma jagħmilx referenza għalihom.

(4) Għall-finijiet ta' ċarezza u ta' razzjonalità, l-Anness II u l-Protokoll ta' ma' dak l-Anness għandhom jiġu kkodifikati,

[1] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt stipulat fl-Anness I ta' ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness II ta' ma' din id-Deċiżjoni hija approvata u għandha ssir f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt meta l-Kumitat Konġunt jadotta d-deċiżjoni tiegħu, li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI Nru …/… TAL-KUMITAT KONĠUNT

stabbilit skont il-Ftehim bejn
il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda,
u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra,
dwar il-moviment liberu tal-persuni

ta' ……..

li tissostitwixxi l-Anness II ta' ma' dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni (iktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ġie ffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Anness II ta' mal-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għandu jiġi aġġornat sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-atti legali l-ġodda tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali[2] u l-miżuri adottati għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 issostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità[3].

(4) Għall-finijiet ta' ċarezza u ta' razzjonalità, l-Anness II u l-Protokoll ta' ma' dak l-Anness għandhom jiġu kkonsolidati f'verżjoni legalment vinkolanti.

(5) L-Anness II ta' mal-Ftehim għandu jinżamm konformi mal-evoluzzjoni tal-atti legali rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

2 ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
3 ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2.

Artikolu 1

L-Anness II ta' mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") qed jiġi sostitwit mill-Anness ta' ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni qed issir bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża, u t-testi f'kull waħda minn dawn il-lingwi huma ugwalment awtentiċi.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

Is-Segretarji

ANNESS

'L-ANNESS II

Koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali

Artikolu 1

(1) Il-partijiet kontraenti jaqblu, fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali, li japplikaw bejniethom l-atti tal-Unjoni Ewropea li qiegħda ssir referenza għalihom fis-Sezzjoni A ta' dan l-Anness, fejn ukoll qed jiġu emendati, jew ir-regoli ekwivalenti għal dawn l-atti.

(2) It-terminu "Stat(i) Membru/i" inkluż fl-atti msemmija fis-sezzjoni A ta' dan l-Anness għandu jinftiehem li jinkludi lill-Isvizzera flimkien mal-Istati koperti mill-atti rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

(1) Għall-finijiet ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, il-partijiet kontraenti għandhom jikkunsidraw debitament l-atti tal-Unjoni Ewropea msemmija fis-sezzjoni B ta' dan l-Anness.

(2) Għall-finijiet ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, il-partijiet kontraenti għandhom jieħdu nota tal-atti tal-Unjoni Ewropea msemmija fis-sezzjoni C ta' dan l-Anness.

Artikolu 3

(1) Id-dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw l-arranġamenti tranżitorji relatati mal-assigurazzjoni tal-qgħad għaċ-ċittadini ta' ċerti Stati Membri tal-UE li huma detenturi ta' permess ta' residenza Svizzeru validu għal inqas minn sena, li jikkonċernaw l-allowances Svizzeri għal persuni li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom u l-benefiċċji mogħtija skont il-pjanijiet ta' benefiċċji marbuta max-xogħol rigward il-pensjonijiet tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità huma stabbiliti fil-Protokoll ta' ma' dan l-Anness.

(2) Il-Protokoll jifforma parti integrali ta' dan l-Anness.

SEZZJONI A: ATTI MSEMMIJA

1. Ir-**Regolament (KE) Nru 883/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali[4] (ĠU L 166, 30.4.2004), kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut tal-Annessi tiegħu[5].

---

4 ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1

5 ĠU L 284, 30.10.2009, p. 43

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandu jiġi adattat kif ġej:

a) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness I, Sezzjoni I

‘L-Isvizzera

Il-leġiżlazzjoni kantonali li tikkonċerna l-ħlas bil-quddiem ta’ pagamenti tal-manteniment fuq il-bażi tal-Artikolu 131(2) u tal-Artikolu 293(2) tal-Att Federali Ċivili.’

b) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness I, Sezzjoni II

‘L-Isvizzera

L-għotjiet għat-twelid u għall-adozzjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kantonali rilevanti fuq il-bażi tal-Artikolu 3(2) tal-Att Federali dwar l-Allowances tal-Familja.'

c) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness II

‘Il-Ġermanja-L-Isvizzera

a) Il-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-25 ta' Frar 1964, kif emendata permezz tal-Konvenzjonijiet Komplimentari Nru 1 tad-9 ta' Settembru 1975 u Nru 2 tat-2 ta' Marzu 1989:

i) il-punt 9b, il-paragrafu 1, Nri 1-4 tal-Protokoll Finali (leġiżlazzjoni applikabbli u intitolament għal benefiċċji in natura f’każ ta’ mard għar-residenti taż-żona Ġermaniża ta’ Büsingen);

ii) il-punt 9e, il-paragrafu 1(b), l-ewwel, it-tieni u r-raba’ sentenza, tal-Protokoll Finali (aċċess għall-assigurazzjoni volontarja f’każ ta’ mard fil-Ġermanja b’rilokazzjoni fil-Ġermanja).

b) Il-Konvenzjoni dwar l-assigurazzjoni kontra l-qgħad tal-20 ta' Ottubru 1982, kif emendata permezz tal-Protokoll Addizzjonali tat-22 ta' Diċembru 1992:

i) L-Artikolu 8(5), il-Ġermanja (distrett ta’ Büsingen) għandha tikkontribwixxi, somma ekwivalenti għall-kontribuzzjoni kantonali skont il-liġi Svizzera, għall-kost tal-postijiet effettivi tal-miżuri ta’ impjiegi-promozzjoni għall-ħaddiema soġġetti għal din id-dispożizzjoni.

Spanja-L-Isvizzera

Il-Punt 17 tal-Protokoll Finali għall-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-13 ta' Ottubru 1969, kif emendat mill-Konvenzjoni Komplimentari tal-11 ta' Ġunju 1982; il-persuni assigurati taħt l-iskema Spanjola bis-saħħa ta’ din id-dispożizzjoni huma eżentati mir-rekwiżit li jissieħbu fl-iskema ta’ assigurazzjoni Svizzera kontra l-mard.

L-Italja-L-Isvizzera

L-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-14 ta' Diċembru 1962, kif emendat permezz tal-Konvenzjoni Komplimentari Nru 1 tat-18 ta' Diċembru 1963, il-Ftehim Komplimentari tal-4 ta' Lulju 1969, il-Protokoll Addizzjonali tal-25 ta' Frar 1974 u l-Ftehim Komplimentari Nru 2 tat-2 ta' April 1980.'

d) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness IV,

'L-Isvizzera'

e) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness VIII, parti 1

‘L-Isvizzera

Il-pretensjonijiet kollha għall-pensjonijiet tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità skont l-iskema bażika (il-Liġi Federali dwar l-assigurazzjoni tal-anzjani u tas-superstiti u l-Liġi Federali dwar l-assigurazzjoni għall-invalidità) u għall-pensjonijiet statutorji tal-anzjanità skont il-pjanijiet statutorji għall-benefiċċji relatati max-xogħol (il-Liġi Federali dwar il-pjanijiet tal-benefiċċji fuq il-post tax-xogħol għall-assigurazzjoni tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità).'

f) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness VIII, parti 2

‘L-Isvizzera

Il-pensjonijiet tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità skont il-pjanijiet statutorji għall-benefiċċji relatati max-xogħol (il-Liġi Federali dwar il-pjanijiet ta’ benefiċċji relatati max-xogħol għall-assigurazzjoni tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità).”

g) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness IX, parti II

‘L-Isvizzera

Il-pensjonijiet tas-superstiti u tal-invalidità skont il-pjanijiet statutorji ta’ benefiċċji relatati max-xogħol (il-Liġi Federali dwar il-pjanijiet ta’ benefiċċji relatati max-xogħol għall-assigurazzjoni tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità).'

h) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness X

'1. Il-benefiċċji supplimentari (Att Federali dwar il-Benefiċċji Supplimentari tad-19 ta' Marzu 1965) u benefiċċji simili li huma stipulati fil-leġiżlazzjoni kantonali.

2. Il-pensjonijiet f’każ ta’ tbatija taħt l-assigurazzjoni għall-invalidità (Artikolu 28, subparagrafu (1)(a) tal-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959, kif emendat fis-7 ta' Ottubru 1994).

3. Il-benefiċċji mhux kontributorji tat-tip imħallat f’każ ta’ qgħad, skont kif stipulat fil-leġiżlazzjoni kantonali.

4. Il-pensjonijiet għall-invalidità straordinarji mhux kontributorji għall-persuni b’diżabbiltà (l-Artikolu 39 tal-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Invalidità tad-19 ta' Ġunju 1959) li, qabel l-inkapaċità tagħhom biex jaħdmu, ma kinux soġġetti għal-leġiżlazzjoni Svizzera fuq il-bażi ta’ attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha.'

i) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Anness XI

‘L-Isvizzera

1. L-Artikolu 2 tal-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-anzjani u tas-Superstiti u l-Artikolu 1 tal-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni tal-Invaliditá, li jirregolaw assigurazzjoni volontarja f'dawn il-fergħat tal-assigurazzjoni għal residenti ta' nazzjonalità Svizzera fi Stati li mhumiex soġġetti għal dan il-Ftehim, għandhom ikunu applikabbli għal persuni li għandhom ir-residenza tagħhom barra mill-Isvizzera li huma ta' nazzjonalità ta' Stati oħrajn li għalihom japplika dan il-Ftehim, u għal refuġjati u għal persuni bla stat li huma residenti fit-territorju ta' dawn l-Istati, fejn dawn il-persuni jissieħbu fl-iskema tal-assigurazzjoni volontarja mhux iktar tard minn sena wara d-data li fiha huma ma jibqgħux koperti mill-assigurazzjoni tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invaliditá wara perjodu kontinwu ta' assigurazzjoni ta' mill-inqas ħames snin.

2. Meta persuna ma tibqax aktar assigurata taħt l-assigurazzjoni tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invaliditá wara perjodu kontinwu ta' assigurazzjoni ta' mill-inqas ħames snin, hija għandha tibqa' intitolata sabiex tkun assigurata bil-qbil tal-impjegatur jekk taħdem fi Stat li għalih, dan il-Ftehim ma japplikax għal impjegatur fl-Isvizzera u jekk tissottometti applikazzjoni għal dan il-għan fi żmien sitt xhur mid-data li fiha ma tibqax assigurata.

3. Assigurazzjoni obbligatorja skont assigurazzjoni Svizzera kontra l-mard u eżenzjonijiet possibbli

   (a) Id-dispożizzjonijiet legali Svizzeri li jirregolaw assigurazzjoni kontra l-mard obbligatorja għandhom japplikaw għall-persuni li ġejjin li mhumiex residenti fl-Isvizzera:

      (i) persuni soġġetti għal dispożizzjonijiet legali Svizzeri skont it-Titolu II tar-Regolament;

      (ii) persuni li għalihom, l-Isvizzera għandha tħallas l-ispejjeż tal-benefiċċji skont l-Artikoli 24, 25, 26 tar-Regolament;

      (iii) persuni li jirċievu l-benefiċċji Svizzeri għall-assigurazzjoni kontra l-qgħad;

      (iv) membri tal-familji li hemm referenza għalihom fi (i) u (iii) jew ta' persuna impjegata jew li taħdem għal rasha fl-Isvizzera li tkun assigurata skont l-iskema tal-assigurazzjoni Svizzera kontra l-mard, sakemm dawn il-membri tal-familja ma jkunux residenti f'wieħed mill-Istati li ġejjin: id-Danimarka, Spanja, l-Ungerija, il-Portugall, l-Isvezja jew ir-Renju Unit;

      (v) membri tal-familja ta' persuni li ssir referenza għalihom f'(ii) jew ta' pensjonant residenti fl-Isvizzera li huwa assigurat skont l-iskema tal-assigurazzjoni Svizzera kontra l-mard, sakemm dawn il-membri tal-familja ma jkunux residenti f'wieħed mill-Istati li ġejjin: id-Danimarka, il-Portugall, l-Isvezja jew ir-Renju Unit.

   Minħabba li membri tal-familja huma meqjusin bħala dawk il-persuni li huma definiti bħala membri tal-familja skont il-leġiżlazzjoni tal-istat ta' residenza.

(b) Persuni li hemm referenza għalihom f'(a) jistgħu, meta mitlubin, jiġu eżentati minn assigurazzjoni obbligatorja jekk u sakemm huma residenti f'wieħed mill-Istati li ġejjin u jistgħu jagħtu prova li huma eliġibbli għal kopertura fil-każ ta' mard: il-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Awstrija, u, fir-rigward ta' persuni li hemm referenza għalihom f'(a) (iv) u (v), il-Finlandja u, fir-rigward ta' persuni li hemm referenza għalihom f'(a)(ii), il-Portugall.

Din it-talba

(aa) għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu li tittieħed assigurazzjoni fl-Isvizzera; fejn, f'każijiet iġġustifikati, it-talba tiġi ppreżentata wara din id-data ta' għeluq, l-eżenzjoni għandha tidħol fis-seħħ sa mill-bidu tal-obbligu tal-assigurazzjoni;

(bb) għandha tapplika għall-membri kollha tal-familja li jkollhom ir-residenza tagħhom fl-istess stat.

4. Meta persuna soġġetta għal dispożizzjonijiet legali Svizzeri skont it-Titolu II tar-Regolament tkun, f'applikazzjoni ta' 3(b), soġġetta, għall-għanijiet ta' assigurazzjoni kontra l-mard, għad-dispożizzjonijiet legali ta' Stat ieħor kopert b'dan il-Ftehim, l-ispejjeż ta' dawn il-benefiċċji mhux fi flus għal inċidenti mhux fuq il-post tax-xogħol għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-assiguratur Svizzeru kontra inċidenti fuq il-post tax-xogħol u inċidenti mhux fuq il-post tax-xogħol u mard industrijali u l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni kontra l-mard kompetenti jekk jeżisti intitolament għall-benefiċċji mhux fi flus miż-żewġ korpi. L-assiguratur Svizzeru kontra inċidenti fuq il-post tax-xogħol u inċidenti mhux fuq il-post tax-xogħol u mard industrijali għandu jissodisfa l-ispejjeż kollha fil-każ ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol, inċidenti lejn il-post tax-xogħol jew mard industrijali, saħansitra meta jkun hemm intitolament għall-benefiċċji minn korp tal-assigurazzjoni kontra l-mard fil-pajjiż ta' residenza.

5. Persuni li jkunu qegħdin jaħdmu, iżda li ma għandhomx ir-residenza tagħhom fl-Isvizzera u li għandhom kopertura tal-assigurazzjoni statutorja fl-Istat ta' residenza tagħhom skont il-punt 3(b), kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom, għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament matul żjara fl-Isvizzera.

6. Għall-għanijiet li jiġu applikati l-Artikoli 18, 19, 20, 27 tar-Regolament fl-Isvizzera, l-assiguratur kompetenti għandu jħallas l-ispejjeż kollha ffatturati.

7. Perjodi ta' assigurazzjoni ta' benefiċċju ta' kuljum imwettqa skont l-iskema ta' assigurazzjoni ta' Stat ieħor li għalih japplika dan il-Ftehim, għandhom jiġu kkunsidrati għat-tnaqqis jew għat-tneħħija ta' riżerva possibbli fl-assigurazzjoni tal-benefiċċju ta' kuljum fil-każ ta' maternità jew mard fejn il-persuna ssir assigurata ma' assiguratur Svizzeru fi żmien tliet xhur minn meta ma tibqax koperta mill-assigurazzjoni f'pajjiż ieħor.

8. Fejn persuna li kienet impjegata bi ħlas jew persuna li taħdem għal rasha fl-Isvizzera u li tkopri l-ħtiġijiet vitali tagħha kellha twaqqaf l-attività tagħha minħabba inċident jew mard u ma tkunx aktar soġġetta għal-leġiżlazzjoni Svizzera dwar l-

assigurazzjoni kontra l-invaliditá, hija għandha titqies li hija koperta minn dik l-assigurazzjoni għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għal miżuri ta' riabilitazzjoni sal-ħlas ta' pensjoni tal-invaliditá u tul il-perjodu kollu li matulu hija tibbenefika minn dawn il-miżuri diment li hija ma tkunx assumiet attività ġdida barra mill-Isvizzera.'

2. Ir-**Regolament (KE) Nru 987/2009** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali[6].

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 għandu jiġi adattat kif ġej:

a) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-**Anness 1**

'Arranġament bejn l-Isvizzera u Franza tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi l-proċeduri speċjali għar-rimborż ta' benefiċċji tal-kura tas-saħħa

Arranġament bejn l-Isvizzera u l-Italja tas-17 ta' Novembru 2005 li jistabbilixxi l-proċeduri speċjali għar-rimborż tal-benefiċċji tal-kura tas-saħħa'

3. Ir-**Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71** tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 592/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008[7] u meta ssir referenza għalih fir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 jew Nru 987/2009 jew meta jkun hemm każijiet ikkonċernati li seħħew fil-passat.

4. Ir-**Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72** tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 120/2009 tad-9 ta' Frar 2009[8] u meta ssir referenza għalih fir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 jew Nru 987/2009 jew meta jkun hemm każijiet ikkonċernati li seħħew fil-passat.

5. **398 L 49 Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE** tad-29 ta' Ġunju 1998[9] dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità.

---

6 ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.
7 ĠU L 177, 4.7.2008, p. 1.
8 ĠU L *39, 10.2.2009, p. 29.*
9 ĠU L 209, 25.7.98, p. 46.

SEZZJONI B: ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM IQISU BIR-REQQA

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru A1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni dwar il-validità ta' dokumenti, id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli u d-dispożizzjoni ta' benefiċċji skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru A2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiema mibgħuta jaħdmu post ieħor u għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom u li temporanjament ikunu qed jaħdmu barra mill-Istat kompetenti[11].

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru A3 tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar l-aggregazzjoni ta' perjodi ta' xogħol f'post ieħor bla interruzzjoni mwettqa skont ir-Regolamenti Nru 1408/71 u 883/2004[12].

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru E1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-arranġamenti prattiċi għall-perjodu tranżitorju għall-iskambju ta' dejta permezz ta' mezzi elettroniċi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13].

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru F1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar ir-regoli dwar preċedenza fil-każ ta' overlapping ta' benefiċċji tal-familja[14].

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru H1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas għat-tranżizzjoni mir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u Nru 574/72 għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-applikazzjoni ta' Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali[15].

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru H2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-metodi ta' ħaddim u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar ta' Dejta tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali[16].

---

10 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 1.
11 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 5.
12 ĠU C 149, 8.6.2010,, p 3.
13 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 9.
14 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 11.
15 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 13.
16 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 17.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru H 3 tal-15 ta' Ottubru 2009 dwar id-data li għandha titqies għall-istabbiliment tar-rati tal-kambju li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru H 4 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Awditjar tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi tas-Sigurtà Soċjali[18].

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru H 5 tat-18 ta' Marzu 2010 dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi u żbalji fi ħdan il-qafas tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali[19].

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru P1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 50(4), 58 u 87(5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-għoti tal-benefiċċji tal-Invalidità, tal-Anzjanità u tas-Superstiti[20].

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa[21].

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa[22].

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S3 tat-12 ta' Ġunju 2009 li tiddefinixxi l-benefiċċji koperti mill-Artikoli 19(1) u 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 25(A)(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23].

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S4 tat-2 ta' Ottubru 2009 dwar il-proċeduri ta' rimborżi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 35 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S5 tat-2 ta' Ottubru 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' 'benefiċċji in natura' kif definit fl-Artikolu 1 (va) tar-Regolament (KE)

---

17 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 56.
18 ĠU C 107, 27.4.2010, p. 3.
19 ĠU C 149, 8.6.2010, p. 5.
20 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 21.
21 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 23.
22 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 26.
23 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 40.
24 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 52.

Nru 883/2004 fil-każ ta’ mard jew ta' maternità skont l-Artikolu 17, l-Artikolu 19, l-Artikolu 20, l-Artikolu 22, l-Artikolu 24 (1), l-Artikolu 25, l-Artikolu 26, l-Artikolu 27 (1, 3, 4 u 5), l-Artikolu 28, l-Artikolu 34 u l-Artikolu 36 (1 u 2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u dwar il-kalkolu tal-ammonti li għandhom jintraddu lura skont l-Artikoli 62, 63 u 64 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].

(17) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S6 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar ir-reġistrazzjoni fl-Istat Membru ta’ residenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 u l-kompilazzjoni tal-inventarji li huma stipulati fl-Artikolu 64 (4) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009[26].

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru S7 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar it-tranżizzjoni mir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u Nru 574/72 għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 u l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ rimborż[27].

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi Soċjali ta’ Sigurtà Nru U1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żidiet fil-benefiċċju kontra l-qgħad għal membri dipendenti tal-familja[28].

(20) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta’ benefiċċji kontra l-qgħad għall-persuni qiegħda għal kollox, minbarra l-ħaddiema frontalieri li kienu residenti fit-territorju ta’ Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru kompetenti matul l-aħħar perjodu ta’ impjieg jew ta’ xogħol għal rashom[29].

(21) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U3 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta’ ‘qgħad parzjali’ applikabbli għall-persuni qiegħda li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004[30].

---

25 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 54.
26 ĠU C 107, 27.4.2010, p. 6.
27 ĠU C 107, 27.4.2010, p. 8.
28 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 42.
29 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 43.
30 ĠU C 106, 24.4.2010, p. 45.

SEZZJONI C: ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM

1 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persuni qiegħda li jinvolvu ruħhom f'attività professjonali jew kummerċjali part-time fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat ta' residenza tagħhom[31].

2 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali Nru U2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 64(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għall-persuni qiegħda li jakkumpanjaw lill-konjugi jew lill-imsieħba tagħhom waqt li jkunu qed jeżerċitaw xi attività professjonali jew kummerċjali fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat kompetenti[32].

[31] ĠU C 106, 24.4.2010, p. 49.
[32] ĠU C 106, 24.4.2010, p. 51.

PROTOKOLL TA' MAL-ANNESS II TA' MAL-FTEHIM

I. Assigurazzjoni kontra l-qgħad

L-arranġamenti li ġejjin għandhom japplikaw għall-ħaddiema li huma ċittadini tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tas-Slovakkja sat-30 ta' April 2011 u għall-ħaddiema li huma ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija sal-31 ta' Mejju 2016.

1. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema li għandhom permess ta' residenza b'perjodu ta' validità ta' inqas minn sena:

1.1 Il-ħaddiema li ħallsu kontribuzzjonijiet fl-Isvizzera għall-perjodu minimu mitlub skont l-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni kontra l-Qgħad u l-Allowances fil-Każ ta' Insolvenza (*loi fédérale sur l'assurance-chômage obligatoire et l'indemnité en cas d'insolvabilité* - LACI)[33] u li jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà l-oħrajn għall-benefiċċji kontra l-qgħad biss, għandhom ikunu intitolati għal tali benefiċċju pprovdut mill-assigurazzjoni kontra l-qgħad skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi.

1.2 Parti mill-kontribuzzjonijiet intaxxati għall-ħaddiema li l-perjodu ta' kontribuzzjoni tagħhom ikun qasir wisq sabiex jingħata intitolament għall-benefiċċju kontra l-qgħad fl-Isvizzera skont 1.1 għandha tingħata lura lill-Istati ta' oriġini tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' 1.3. sabiex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-benefiċċji pprovduti lil dawn il-ħaddiema fil-każ ta' sitwazzjoni ta' qgħad totali; imbagħad dawn il-ħaddiema ma għandu jkollhom ebda intitolament għall-benefiċċju fil-każ li huma jisfaw qiegħda totalment fl-Isvizzera. Madankollu, huma għandhom ikunu intitolati għall-allowances għal żmien ħażin u fil-każ li impjegatur isir insolventi. Il-benefiċċji fil-każ ta' qgħad totali għandhom jitħallsu mill-Istat ta' oriġini, diment li l-ħaddiema kkonċernati jagħmlu lilhom infushom disponibbli għax-xogħol. Perjodi ta' assigurazzjoni mwettqa fl-Isvizzera għandhom jitqiesu bl-istess mod bħallikieku jkunu twettqu fl-Istat ta' oriġini.

1.3 Il-porzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet intaxxati għall-ħaddiema li hemm referenza għalihom f'1.2 għandhom jingħataw lura fuq bażi annwali skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

a) Il-kontribuzzjonijiet totali ta' dawn il-ħaddiema għandhom jiġu kkalkolati, skont il-pajjiż, fuq il-bażi tan-numru annwali ta' ħaddiema impjegati u l-kontribuzzjonijiet annwali medji mħallsa għal kull ħaddiem (kontribuzzjonijiet tal-impjegatur u tal-impjegati).

b) Mill-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, porzjon minnu, li jikkorrispondi mas-sehem relattiv irrappreżentat mill-benefiċċju kontra l-qgħad bħala perċentwal tal-allowances kollha li hemm referenza għalihom fil-punt 1.2, għandu jintradd lura lill-Istati ta' oriġini tal-ħaddiema, u porzjon ieħor għandu jinżamm mill-Isvizzera bħala riżerva għall-benefiċċji sussegwenti[34].

c) L-Isvizzera għandha, fuq bażi annwali, tipprovdi dikjarazzjoni li turi l-kontribuzzjonijiet irrimborsati. Jekk l-Istati ta' oriġini jitolbu dan, għandha tindika l-bażi

---

[33] Attwalment, perjodu ta' 12-il xahar.

[34] Il-kontribuzzjonijiet irrimborsati għall-ħaddiema li se jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-benefiċċju kontra l-qgħad fl-Isvizzera wara li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet għal mill-inqas 12-il xahar - fuq bosta perjodi ta' residenza - fi żmien sentejn.

għall-kalkolu u s-somom irrimborsati. L-Istati ta' oriġini għandhom jinnotifikaw lill-Isvizzera kull sena bin-numru ta' riċevituri tal-benefiċċju kontra l-qgħad kif hemm referenza għalih f'1.2.

2. Jekk Stat Membru kkonċernat minn dan l-arranġament, jiltaqa' ma' diffikultajiet bit-temm tal-arranġament għar-rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet, jew l-Isvizzera tiltaqa' ma' diffikultajiet bl-arranġament ta' aggregazzjoni, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-Kumitat Konġunt minn xi parti kontraenti.

II. Allowances għal persuni li ma jifilħux jieħdu ħsieb lilhom infushom

Allowances għal persuni li ma jifilħux jieħdu ħsieb lilhom infushom mogħtija skont l-Att Federali tad-19 ta' Ġunju 1959 dwar l-assigurazzjoni għall-invalidità (LAI) u skont l-Att Federali tal-20 ta' Diċembru 1946 dwar pensjonijiet tal-anzjani u tas-superstiti (LAVS)" tal-Isvizzera kif emendat fit-8 ta' Ottubru 1999 għandhom jingħataw esklussivament jekk il-persuna kkonċernata jkollha r-residenza tagħha fl-Isvizzera.

III. Il-pjanijiet ta' benefiċċju tax-xogħol li jikkonċernaw il-pensjonijiet tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità

Minkejja l-Artikolu 10 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, il-benefiċċju inerenti li huwa stipulat fl-Att Federali dwar il-moviment liberu fost pjanijiet ta' benefiċċju tax-xogħol dwar il-pensjonijiet tal-anzjani, tas-superstiti u tal-invalidità (*Loi fédérale sur le libre passage dans la prévoyance professionnelle vieillesse, survivants et invalidité*) tas-17 ta' Diċembru 1993 għandu jitħallas fuq talba lil persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li jkollha l-intenzjoni li tħalli l-Isvizzera għal dejjem u li, skont it-Titolu II tar-Regolament, ma tibqax iktar soġġetta għal-liġi Svizzera, sakemm din titlaq mill-Isvizzera fi żmien ħames snin minn meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.'

ANNESS II

DIKJARAZZJONI

dwar id-Dikjarazzjoni dwar l-attendenza Svizzera fil-kumitati

Il-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti, li hemm referenza għaliha fit-tieni inċiż tad-Dikjarazzjoni dwar l-attendenza Svizzera fil-kumitati (ĠU L 114 tat-30.4.2002 p. 72 [mhux disponibbli bil-Malti]), ingħatat l-isem ġdid Il-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali permezz tal-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.